# APRIL

*April—l-agħsafar jgħannu*
*Ħlief bl-hena ma jafux;*
*April—is-silla tħammar*
*U jlellex il-lellux.*
*April—iż-żahar ifewwaħ*
*U jgħaxxaq il-ħolqien,*
*Il-ġmiel jitbissem hieni*
*Fl-għelieqi, fil-widien,*
*Fid-deheb tal-qamħ jixxejjer*
*Fil-beraħ tal-għoljiet.*
*Fis-sema safi safi,*
*Fix-xagħri kollu skiet;*
*Fl-għarejjex mnejn jittawlu*
*Il-klieb nofshom reqdin;*
*Fil-friegħi li jirtogħdu;*
*Fil-porpra tal-peprin.*

*April—l-għasfur isejjaħ,*
*U fuq ġwinħajn ir-riħ*
*Is-sejħa ta' l-imħabba*
*Mill-bogħod tirrispondih.*
*Is-sejħa ta' l-imħabba*
*Issaltan kullimkien:*
*Fl-ilwien tal-ward ifewwaħ,*
*Fis-sema, fil-widien.*

*Bħal min, f'art barranija,*
*La jaf, anqas jafuh,*
*Minn xorti kiefra, waħdu,*
*Fqajjar, jinsab mitfugħ,*
*Hekk jien, April, fi ġmielek*
*Għalxejn fittixt is-serħ:*
*Għal qalb mingħajr imħabba*
*La sabar, anqas ferħ.*

ĠORĠ ZAMMIT.